23 ta' April, 1951.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Emmanuele Dingli** *versus* **Carmelo Mallia ne.**

**War Damage Commission — Appell — Mandat — Illegittimità tal-Persuna — Art. 1968 tal-Kodiċi Civili.**

*L-appellatur li jiġi nkarigat mis-sid ta' fond biex jirrikostruwixxi dak il-fond imwaqqa' bil-ħidma tal-għadu jew minħabba l-gwerra, u bl-awtorizzazzjoni li jinkassa huwa stess mill-War Damage Commission il-flus tal-kumpens, meta l-"claim" hija f'isem is-sid u mhux f'isem l-appellatur, mhux ħlief ċessjonarju "pro solvendo" tas-sid, u quddiem il-War Damage Commission huwa biss mandatarju "de exigendo". Għaldaqstant huwa għandu biss l-"actio mandati", u ma jistax jaġixxi kontra dik il-Kummissjoni ħlief b'dik l-azzjoni. U lanqas ma jista' jeżerċita dik l-azzjoni meta l-kostitwent tiegħu jinsab preżenti f'dawn il-Gżejjer.*

Il-Qorti, — Rat is-sentenza tagħha tad-19 ta' Frar 1951, fejn tinsab immiżżla t-talba tar-rikorrent, u li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni ta' l-intimat ta' nuqqas ta' pleġġerija għall-finijiet ta' l-appell;

Rat l-eċċezzjoni ta' l-intimat, li biha dan oppona li r-rikorrent appellant ma huwiex persuna leġittima biex tagħmel dan l-appell, għaliex it-talba quddiem id-War Damage Commission ġiet magħmula minn John Grima, li hu s-sid tal-post fil-kwistjoni, u l-appellant hu biss il-mandatarju ta' l-istess John Grima;

Rat l-atti jiet tal-kawża u semgħet l-avukati;

Ikkunsidrat fuq dik l-eċċezzjoni preliminari;

Illi l-appellant huwa l-kuntrattur inkarikat mis-sid għar-rikostruzzjoni tal-fond imsemmi fir-rikors tiegħu, u kien awtorizzat mis-sid stess li jiġbor huwa stess il-flus mill-War Damage Commission. Ma huwiex kontestat li t-talba quddiem il-Kummissjoni għall-Ħlas ta' l-Indennità saret minn sid il-fond, i.e. John Grima. Dana jfisser li l-appellant huwa sempliċement ċessjonarju "pro solvendo" ta' John Grima, u quddiem il-War Damage Commission huwa mandatarju "de exigendo". U tabilħaqq, quddiem il-War Damage Commission

il-persuna intitolata għall-indennità huwa s-sid, i.e. John Grima; u d-dejn ta' Grima versu l-appellant ma jiġix maqtul u meħallas sakemm l-appellant ma jkunx daħħal il-flus minn għand il-War Damage Commission; u għalhekk ma hemmx il-figura ġuridika ta' ċessjoni "in solutum" li tnissel it-trasferiment tad-dominju tal-kreditu;

Igħid Olea:— "Quando nomen debitoris non in solutum vel ex venditione transfertur, sed tantum impliciter ceditur et assignatur solutionis causa, eo casu haec cessio solum importat mandatum de exigendo, et non est in solutum datio, venditio aut delegatio, sed simplex cessio facta, quae loco solutionis et satisfactionis non habetur nisi secuta solutione" — "De Cessione Jurium", Tit. VII, quaest. III, para. 19);

U Cuzzo jtenni l-istess tagħlim, fejn igħid:— "La cessione 'pro solvendo' ha luogo allorchè il debitore accorda al suo creditore la facoltà di esigere il proprio credito, convenendo che egli si paghi col denaro che ricaverà dalla esazione. In tal caso si ha un semplice mandato ad esigere, ancorchè irrevocabile, che attribuisce al mandatario la qualità di procuratore 'in rem', ma non può mai indurre traslazione di dominio del credito....................." (Revoca degli atti Fraudolenti, pag. 394);

U l-Qorti ta' l-Appell ta' Trani, fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Ġunju 1893, in re "Fallimento Scrimieri-Chiarelli et.", irritenjet l-istess ħaġa, billi ssentenzjat li fil-każ ta' ċessjoni "pro solvendo", dina hija "mandato ad esigere", u l-kreditu, sakemm jissussisti, jibqa' fid-dominju taċ-ċedenti (Giurisprudenza Italiana, Anno 1893, Pte. I, sez. II, p. 479);

Ikkunsidrat;

Illi, stabbilita n-natura ġuridika tar-rapport li nħoloq bejn l-appellant u John Grima u l-War Damage Commission, u stabbilit li l-appellant, rigward l-indennità li għandha tħallas il-Kummissjoni, huwa sempliċement mandatarju ta' John Grima, jiġi li f'dan il-ġudizzju huwa q'egħed jidher bis-saħħa ta' l-azzjoni ta' John Grima, u ħlief l-"actio mandati" ma jistax jippretendi li jkollu. Iżda bis-saħħa tal-mandat l-appellant ma jistax jeżerċita l-azzjoni tal-kostitwent tiegħu, li jinsab preżenti fil-pajjiż (art. 1908 Kodiċi Civili); fil-waqt li "jure

proprio" ma għandu ebda rapport u ebda azzjoni mal-konvenut nomine;

Id-dispożizzjoni tal-liġi li tagħti d-dritt ta' l-appell lil kull min ikun maħqur b'deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-każi stabbiliti mill-istess liġi, ma tidderogax għad-dispożizzjoni fuq imsemmija ta' l-art. 1968 tal-Kodiċi Ċivili, li espressament tiċħad lill-mandatarju ta' bniedem preżenti f'dan il-pajjiż li jidher f'gudizzju f'lok il-kostitwenti tiegħu;

Għaldaqstant l-appellant ma għandux "locus standi" f'dan il-gudizzju (v. sentenza Prim'Awla 24 ta' Frar 1913, in re "Abdilla vs. Zammit", Vol. XXII—II—29); u l-appell tiegħu ma hux attendibili;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni fuq imsemmija ta' l-appellat, u tiddikjara inattendibili l-appell interpost mill-appellant; bl-ispejjeż kontra tiegħu.